Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Settembru 2016
(OR. en)

10973/16
ADD 5

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0206 (NLE)

WTO 195
SERVICES 20
FDI 16
CDN 12

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

ANNEX 20-A

Parti A

Indikazzjonijiet Ġeografiċi li Jidentifikaw Prodott li Joriġina fl-Unjoni Ewropea

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (għal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
České pivo		birra	Ir-Repubblika Ċeka
Žatecký Chmel		hops	Ir-Repubblika Ċeka
Hopfen aus der Hallertau		hops	Il-Ġermanja
Nürnberger Bratwürste**		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Il-Ġermanja
Nürnberger Rostbratwürste		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Il-Ġermanja
Schwarzwälder Schinken		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Il-Ġermanja
Aachener Printen		ħelu u prodotti moħmija	Il-Ġermanja
Nürnberger Lebkuchen		ħelu u prodotti moħmija	Il-Ġermanja
Lübecker Marzipan		ħelu u prodotti moħmija	Il-Ġermanja
Bremer Klaben		ħelu u prodotti moħmija	Il-Ġermanja
Hessischer Handkäse		ġobnijiet	Il-Ġermanja

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (għal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
Hessischer Handkäs		ġobnijiet	Il-Ġermanja
Tettnanger Hopfen		hops	Il-Ġermanja
Spreewälder Gurken		prodotti tal-ħxejjex friski u pproċessati	Il-Ġermanja
Danablu		ġobnijiet	Id-Danimarka
Ελιά Καλαμάτας	Elia Kalamatas	żebbuġ tal-mejda u pproċessati	Il-Greċja
Μαστίχα Χίου	Masticha Chiou	gomma naturali u resina - *chewing gum*	Il-Greċja
Φέτα*	Feta	ġobnijiet	Il-Greċja
Ελαιόλαδο Καλαμάτας	Żejt taż-żebbuġ ta' Kalamata	żjut u xaħmijiet tal-annimali	Il-Greċja
Ελαιόλαδο Κολυμβάρι Χανίων Κρήτης	Żejt taż-Żebbuġa ta' Kolymvari Chanion Kritis	żjut u xaħmijiet tal-annimali	Il-Greċja
Ελαιόλαδο Σητείας Λασιθίου Κρήτης	Żejt taż-Żebbuġa ta' Sitia Lasithiou Kritis	żjut u xaħmijiet tal-annimali	Il-Greċja
Ελαιόλαδο Λακωνία	Żejt taż-Żebbuġa ta' Lakonia	żjut u xaħmijiet tal-annimali	Il-Greċja
Κρόκος Κοζάνης	Krokos Kozanis	ħwawar	Il-Greċja
Κεφαλογραβιέρα	Kefalograviera	ġobnijiet	Il-Greċja
Γραβιέρα Κρήτης	Graviera Kritis	ġobnijiet	Il-Greċja
Γραβιέρα Νάξου	Graviera Naxou	ġobnijiet	Il-Greċja
Μανούρι	Manouri	ġobnijiet	Il-Greċja
Κασέρι	Kasseri	ġobnijiet	Il-Greċja
Φασόλια Γίγαντες Ελέφαντες Καστοριάς	Fassolia Gigantes Elefantes Kastorias	prodotti tal-ħxejjex friski u pproċessati	Il-Greċja

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (għal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
Φασόλια Γίγαντες Ελέφαντες Πρεσπών Φλώρινας	Fassolia Gigantes Elefantes Prespon Florinas	prodotti tal-ħxejjex friski u pproċessati	Il-Greċja
Κονσερβολιά Αμφίσσης	Konservolia Amfissis	żebbuġ tal-mejda u pproċessati	Il-Greċja
Λουκούμι Γεροσκήπου	Loukoumi Geroskipou	ħelu u prodotti moħmija	Ċipru
Baena		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Sierra Mágina		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Aceite del Baix Ebre-Montsía		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Oli del Baix Ebre-Montsía		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Aceite del Bajo Aragón		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Antequera		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Priego de Córdoba		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Sierra de Cádiz		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Sierra de Segura		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Sierra de Cazorla		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Siurana		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Aceite de Terra Alta		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Oli de Terra Alta		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Les Garrigues		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja
Estepa		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Spanja

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (għal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
Guijuelo		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Spanja
Jamón de Huelva		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Spanja
Jamón de Teruel		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Spanja
Salchichón de Vic		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Spanja
Llonganissa de Vic		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Spanja
Mahón-Menorca		ġobnijiet	Spanja
Queso Manchego		ġobnijiet	Spanja
Cítricos Valencianos		frott u ġewż frisk u pproċessat	Spanja
Cîtrics Valancians		frott u ġewż frisk u pproċessat	Spanja
Jijona		ħelu u prodotti moħmija	Spanja
Turrón de Alicante		ħelu u prodotti moħmija	Spanja
Azafrán de la Mancha		ħwawar	Spanja
Comté		ġobnijiet	Franza
Reblochon		ġobnijiet	Franza
Reblochon de Savoie		ġobnijiet	Franza

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (għal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
Roquefort		ġobnijiet	Franza
Camembert de Normandie		ġobnijiet	Franza
Brie de Meaux		ġobnijiet	Franza
Emmental de Savoie		ġobnijiet	Franza
Pruneaux d'Agen		frott u ġewż frisk u pproċessat	Franza
Pruneaux d'Agen mi-cuits		frott u ġewż frisk u pproċessat	Franza
Huîtres de Marennes-Oléron		prodotti tal-ħut friski, iffriżati u pproċessati	Franza
Canards à foie gras du Sud-Ouest: Chalosse		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Franza
Canards à foie gras du Sud-Ouest: Gascogne		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Franza
Canards à foie gras du Sud-Ouest: Gers		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Franza
Canards à foie gras du Sud-Ouest: Landes		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Franza
Canards à foie gras du Sud-Ouest: Périgord		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Franza
Canards à foie gras du Sud-Ouest: Quercy		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Franza
Jambon de Bayonne***		laħmijiet staġonati	Franza
Huile d'olive de Haute-Provence		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Franza
Huile essentielle de lavande de Haute-Provence		żjut essenzjali	Franza

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (ġhal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
Morbier		ġobnijiet	Franza
Epoisses		ġobnijiet	Franza
Beaufort***		ġobnijiet	Franza
Maroilles		ġobnijiet	Franza
Marolles		ġobnijiet	Franza
Munster *		ġobnijiet	Franza
Munster Géromé		ġobnijiet	Franza
Fourme d'Ambert		ġobnijiet	Franza
Abondance		ġobnijiet	Franza
Bleu d'Auvergne		ġobnijiet	Franza
Livarot		ġobnijiet	Franza
Cantal		ġobnijiet	Franza
Fourme de Cantal		ġobnijiet	Franza
Cantalet		ġobnijiet	Franza
Petit Cantal		ġobnijiet	Franza
Tomme de Savoie		ġobnijiet	Franza
Pont - L'Evêque		ġobnijiet	Franza
Neufchâtel		ġobnijiet	Franza
Chabichou du Poitou		ġobnijiet	Franza
Crottin de Chavignol		ġobnijiet	Franza

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (għal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
Saint-Nectaire		ġobnijiet	Franza
Piment d'Espelette		ħwawar	Franza
Lentille verte du Puy		prodotti tal-ħxejjex friski u pproċessati	Franza
Aceto balsamico Tradizionale di Modena		ħall	L-Italja
Aceto balsamico di Modena		ħall	L-Italja
Cotechino Modena		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Italja
Zampone Modena		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Italja
Bresaola della Valtellina		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Italja
Mortadella Bologna		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Italja
Prosciutto di Parma		laħmijiet staġonati	L-Italja
Prosciutto di S. Daniele		laħmijiet staġonati	L-Italja
Prosciutto Toscano		laħmijiet staġonati	L-Italja
Prosciutto di Modena		laħmijiet staġonati	L-Italja
Provolone Valpadana		ġobnijiet	L-Italja
Taleggio		ġobnijiet	L-Italja
Asiago*		ġobnijiet	L-Italja
Fontina*		ġobnijiet	L-Italja

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (għal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
Gorgonzola*		ġobnijiet	L-Italja
Grana Padano		ġobnijiet	L-Italja
Mozzarella di Bufala Campana		ġobnijiet	L-Italja
Parmigiano Reggiano		ġobnijiet	L-Italja
Pecorino Romano		ġobnijiet	L-Italja
Pecorino Sardo		ġobnijiet	L-Italja
Pecorino Toscano		ġobnijiet	L-Italja
Arancia Rossa di Sicilia		frott u ġewż frisk u pproċessat	L-Italja
Cappero di Pantelleria		frott u ġewż frisk u pproċessat	L-Italja
Kiwi Latina		frott u ġewż frisk u pproċessat	L-Italja
Lenticchia di Castelluccio di Norcia		prodotti tal-ħxejjex friski u pproċessati	L-Italja
Mela Alto Adige		frott u ġewż frisk u pproċessat	L-Italja
Südtiroler Apfel		frott u ġewż frisk u pproċessat	L-Italja
Pesca e nettarina di Romagna		frott u ġewż frisk u pproċessat	L-Italja
Pomodoro di Pachino		prodotti tal-ħxejjex friski u pproċessati	L-Italja

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (għal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
Radicchio Rosso di Treviso		prodotti tal-ħxejjex friski u pproċessati	L-Italja
Ricciarelli di Siena		ħelu u prodotti moħmija	L-Italja
Riso Nano Vialone Veronese		ċereali	L-Italja
Speck Alto Adige		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Italja
Südtiroler Markenspeck		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Italja
Südtiroler Speck		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Italja
Veneto Valpolicella		żjut u xaħmijiet tal-annimali	L-Italja
Veneto Euganei e Berici		żjut u xaħmijiet tal-annimali	L-Italja
Veneto del Grappa		żjut u xaħmijiet tal-annimali	L-Italja
Culatello di Zibello		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Italja
Garda		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Italja
Lardo di Colonnata		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Italja
Szegedi téliszalámi		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Ungerija
Szegedi szalámi		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Ungerija

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (għal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
Tiroler Speck		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	L-Awstrija
Steirischer Kren		prodotti tal-ħxejjex friski u pproċessati	L-Awstrija
Steirisches Kürbiskernöl		żrieragħ żejtnija	L-Awstrija
Queijo S. Jorge		ġobnijiet	Il-Portugall
Azeite de Moura		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Il-Portugall
Azeites de Trás-os-Montes		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Il-Portugall
Azeite do Alentejo Interior		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Il-Portugall
Azeites da Beira Interior		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Il-Portugall
Azeites do Norte Alentejano		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Il-Portugall
Azeites do Ribatejo		żjut u xaħmijiet tal-annimali	Il-Portugall
Pêra Rocha do Oeste		frott u ġewż frisk u pproċessat	Il-Portugall
Ameixa d'Elvas		frott u ġewż frisk u pproċessat	Il-Portugall
Ananás dos Açores / S. Miguel		frott u ġewż frisk u pproċessat	Il-Portugall
Chouriça de carne de Vinhais		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Il-Portugall
Linguiça de Vinhais		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Il-Portugall

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (għal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)
Chouriço de Portalegre		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Il-Portugall
Presunto de Barrancos		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Il-Portugall
Queijo Serra da Estrela		ġobnijiet	Il-Portugall
Queijos da Beira Baixa		ġobnijiet	Il-Portugall
Queijo de Castelo Branco		ġobnijiet	Il-Portugall
Queijo Amarelo da Beira Baixa		ġobnijiet	Il-Portugall
Queijo Picante da Beira Baixa		ġobnijiet	Il-Portugall
Salpicão de Vinhais		laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati	Il-Portugall
Gouda Holland		ġobnijiet	In-Netherlands
Edam Holland		ġobnijiet	In-Netherlands
Kalix Löjrom		prodotti tal-ħut friski, iffriżati u pproċessati	L-Iżvezja
Magiun de prune Topoloveni		frott u ġewż frisk u pproċessat	Ir-Rumanija

Parti B

Indikazzjonijiet Ġeografiċi li Jidentifikaw Prodott li Joriġina fil-Kanada

Indikazzjoni	Traslitterazzjoni (Ghal skopijiet ta' informazzjoni biss)	Klassi tal-Prodott	Post tal-Oriġini (Territorju, Reġjun jew Lokalità)

ANNESS 20-B

TERMINI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLI 20.21.11 U 20.21.12

Parti A

Valencia Orange

Orange Valencia

Valencia

Black Forest Ham

Jambon Forêt Noire

Tiroler Bacon[29]

Bacon Tiroler[1]

Parmesan

St George Cheese

Fromage St-George[s]

Parti B

It-terminu "comté" flimkien ma' prodotti tal-ikel meta użati biex jirreferu għal kontea (pereżempju "Comté du Prince-Edouard"; "Prince Edward County"; "Comté de Prescott-Russell"; "Prescott-Russell County").

It-terminu "Beaufort" flimkien ma' prodotti tal-ġobon, immanifatturati viċin il-post ġeografiku msejjaħ "Beaufort range", Vancouver Island, British Columbia.

---

29 L-użu ta' varjazzjonijiet fl-ortografija bl-Ingliż jew bil-Franċiż għandhom ikunu permessi, inklużi "Tyrol", "Tiroler", "Tyroler", u "Tirolien".

ANNESS 20-C

KLASSIFIKAZZJONIJIET TA' PRODOTTI

1. **laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati** tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 2 u l-intestatura 16.01 jew 16.02 tas-Sistema Armonizzata.

2. **laħmijiet staġjonati** tfisser prodotti ta' laħmijiet staġjonati li jaqgħu taħt il-Kapitolu 2 u l-intestatura 16.01 jew 16.02 tas-Sistema Armonizzata.

3. **ħops** tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 12.10 tas-Sistema Armonizzata;

4. **prodotti ta' ħut frisk, iffriżat u pproċessat** tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 3 u l-intestatura 16.03, 16.04 jew 16.05 tas-Sistema Armonizzata;

5. **butir** tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 04.05 tas-Sistema Armonizzata;

6. **ġobnijiet** tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 04.06 tas-Sistema Armonizzata;

7. **prodotti tal-ħxejjex friski u pproċessati** tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 7 tas-Sistema Armonizzata u prodotti li fihom ħxejjex li jaqgħu taħt il-Kapitolu 20 tas-Sistema Armonizzata;

8. **frott u ġewż frisk u pproċessat** tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 8 tas-Sistema Armonizzata u prodotti li fihom frott jew ġewż li jaqgħu taħt il-Kapitolu 20 tas-Sistema Armonizzata;

9. **ħwawar** tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 9 tas-Sistema Armonizzata;

10. **ċereali** tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 10 tas-Sistema Armonizzata;

11. **prodotti tal-industrija tat-tħin** tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 11 tas-Sistema Armonizzata;

12. **prodotti mill-kolza** tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 12 tas-Sistema Armonizzata;

13. **xarbiet minn estratti tal-pjanti** tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 13.02 tas-Sistema Armonizzata;

14. **żjut u xaħmijiet tal-annimali** tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 15 tas-Sistema Armonizzata;

15. **prodotti ta' ħelu u prodotti moħmija** tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 17.04, 18.06, 19.04 jew 19.05 tas-Sistema Armonizzata;

16. **għaġin** tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 19.02 tas-Sistema Armonizzata;

17. **żebbuġ tal-mejda u pproċessati** tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 20.01 jew 20.05 tas-Sistema Armonizzata;

18. **pejst tal-mustarda** tfisser prodotti li jaqgħu taħt is-sottointestatura 2103.30 tas-Sistema Armonizzata;

19. **birra** tisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 22.03 tas-Sistema Armonizzata;

20. **ħall** tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 22.09 tas-Sistema Armonizzata;

21. **żjut essenzjali** tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 33.01 tas-Sistema Armonizzata;

22. **gomma naturali u resina - chewing gum** tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 17.04 tas-Sistema Armonizzata.

ANNESS 29-A

REGOLI TA' PROĊEDURA GĦALL-ARBITRAĠĠ

Definizzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali

1. Għal dan il-Kapitolu u skont dawn ir-Regoli:

konsulent tfisser persuna fiżika magħżula minn Parti sabiex tagħti pariri jew tassisti lil dik il-Parti b'konnessjoni mal-proċedimenti ta' arbitraġġ;

bord ta' arbitraġġ tfisser bord stabbilit skont l-Artikolu 29.7;

arbitru tfisser membru ta' bord ta' arbitraġġ stabbilit skont l-Artikolu 29.7;

assistent tfisser persuna fiżika li, skont it-termini tal-ħatra ta' arbitru, twettaq riċerka jew tipprovdi assistenza lill-arbitru;

jum tfisser jum kalendarju, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor;

vaganza legali tfisser kull nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd u kwalunkwe jum magħżul minn Parti bħala vaganza għall-finijiet ta' dawn ir-Regoli;

rappreżentant ta' Parti tfisser impjegat jew kull persuna fiżika maħtura minn dipartiment jew aġenzija tal-gvern jew kull entità pubblika oħra ta' Parti, li tirrappreżenta l-Parti għall-finijiet ta' tilwim skont dan il-Ftehim;

Parti konvenuta tfisser il-Parti li tkun allegatament qiegħda tikser id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.2; u

Parti rikjedenti tfisser kull Parti li titlob it-twaqqif ta' bord ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 29.6;

2. Il-Parti konvenuta għandha tkun inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti tal-arbitraġġ, b'mod partikolari l-organizzazzjoni tas-smigħ tal-kawżi, sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor. Madankollu, il-Partijiet għandhom iġorru wkoll l-ispejjeż amministrattivi tal-proċeduri ta' arbitraġġ kif ukoll ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar, akkomodazzjoni u l-ispejjeż ġenerali tal-arbitri u l-assistenti tagħhom.

Notifiki

3. Ħlief jekk ikun hemm qbil mod ieħor, il-Partijiet u l-bord tal-arbitraġġ għandhom jibagħtu kwalunkwe talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor permezz tal-posta elettronika, b'kopja mibgħuta dakinhar stess permezz ta' trasmissjoni bil-faks, posta rreġistrata, kurjer, kunsinna b'irċevuta jew kull mezz ieħor ta' telekomunikazzjoni li jipprovdi evidenza li l-oġġett ikun intbagħat. Ħlief jekk ikun ippruvat mod ieħor, messaġġ bil-posta elettronika għandu jitqies li wasal fl-istess jum li jintbagħat.

4. Meta tikkomunika bil-miktub, kull Parti għandha tipprovdi kopja elettronika tal-komunikazzjonijiet tagħha lill-Parti l-oħra u lil kull wieħed mill-arbitri.

5. Żbalji żgħar ta' natura klerikali li jsiru f'talba, notifika, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor relatat mal-proċeduri tal-arbitraġġ jistgħu jitranġaw permezz tal-kunsinna ta' dokument ġdid li jindika l-bidliet b'mod ċar.

6. Jekk l-aħħar jum li fih irid isir it-twassil ta' xi dokument jaħbat jum ta' vakanza uffiċjali jew jum ta' mistrieħ fil-Kanada jew fl-Unjoni Ewropea, id-dokument jista' jitwassal fl-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss. Ebda dokument, notifika jew talba ta' kwalunkwe tip ma għandhom jitqiesu li jkunu waslu f'jum ta' vaganza legali.

7. Skont id-dispożizzjonijiet ikkontestati, it-talbiet u n-notifiki kollha indirizzati lill-Kumitat Konġunt CETA skont dan il-Kapitolu għandhom jintbagħtu wkoll lill-korpi istituzzjonali rilevanti oħra.

Bidu tal-arbitraġġ

8. Ħlief jekk il-Partijiet ma jkunux qablu mod ieħor, dawn għandhom jiltaqgħu mal-bord tal-arbitraġġ fi żmien sebat ijiem tax-xogħol mindu dan ikun twaqqaf sabiex ikunu determinati materji ta' dan it-tip li l-Partijiet jew il-bord tal-arbitraġġ jidhrilhom li jkunu xierqa, inklużi r-remunerazzjoni u l-ispejjeż li jridu jitħallsu lill-arbitri, li jkunu konformi mal-istandards tad-WTO. Ir-remunerazzjoni għall-assistent ta' kull arbitru ma għandhiex taqbeż 50 fil-mija tar-remunerazzjoni totali ta' dak l-arbitru. L-arbitri u r-rappreżentanti tal-Partijiet jistgħu jieħdu sehem f'din il-laqgħa permezz tat-telefown jew ta' konferenza awdjoviżiva.

9. (a) Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tat-twaqqif tal-bord ta' arbitraġġ, it-termini ta' referenza tal-bord ta' arbitraġġ għandhom ikunu:
"*li jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim, il-kwistjoni msemmija fit-talba għat-twaqqif tal-bord ta' arbitraġġ, sabiex jiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.2 u sabiex jieħu deċiżjoni skont l-Artikoli 29.10, 29.17 u 29.18.*"

(b) Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw it-termini ta' referenza maqbula lill-bord tal-arbitraġġ fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mill-ftehim tagħhom.

(c) Il-bord tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tiegħu stess.

Sottomissjonijiet inizjali

10. Il-Parti rikjedenti għandha tippreżenta s-sottomissjoni inizjali tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data tal-istabbiliment tal-bord tal-arbitraġġ. Il-Parti konvenuta għandha tagħti l-kontrosottomissjoni tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn 21 jum wara d-data tat-twassil tas-sottomissjoni bil-miktub inizjali.

Il-ħidma tal-bordijiet tal-arbitraġġ

11. Il-president tal-bord tal-arbitraġġ għandu jippresjedi fil-laqgħat kollha. Bord ta' arbitraġġ jista' jiddelega l-awtorità lill-president biex jieħu deċiżjonijiet amministrattivi u proċedurali.

12. Is-seduti ta' smigħ għandhom isiru personalment. Ħlief jekk ikun stipulat mod ieħor f'dan il-Kapitolu u bla preġudizzju għall-paragrafu 30, il-bord tal-arbitraġġ jista' jwettaq l-attivitajiet oħra tiegħu b'kull mezz, inkluż bit-telefown, trażmissjonijiet bil-faks jew kollegamenti bil-kompjuter.

13. L-arbitri biss jistgħu jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ, iżda l-bord tal-arbitraġġ jista' jippermetti lill-assistenti tiegħu jkunu preżenti waqt id-deliberazzjonijiet tiegħu.

14. L-abbozzar ta’ kwalunkwe deċiżjoni għandha tibqa’ r-responsabilità esklużiva tal-bord tal-arbitraġġ u ma tistax tkun iddelegata.

15. Is-sejbiet, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ skont l-Artikoli 29.9 u 29.10 jinħtieġ li jsiru b’kunsens, iżda jekk ma jkunx possibbli li jintlaħaq kunsens, b’maġġoranza tal-membri tiegħu.

16. L-arbitri ma jistgħux joħorġu opinjonijiet separati dwar kwistjonijiet mhux miftiehma b’mod unanimu.

17. Meta tinqala’ kwistjoni proċedurali li ma tkunx koperta mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni tat-Tilwim), il-bord tal-arbitraġġ, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, jista’ jadotta proċedura xierqa li hija kompatibbli mal-provvedimenti u li tiżgura trattament ugwali bejn il-Partijiet.

18. Meta l-bord tal-arbitraġġ iqis li hemm il-ħtieġa li jimmodifika xi limitu taż-żmien applikabbli fil-proċedimenti jew li jagħmel kwalunkwe aġġustament proċedurali jew amministrattiv ieħor kif jista’ jkun meħtieġ għal ġustizzja jew effiċjenza tal-proċedimenti, huwa għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet bir-raġunijiet għall-bidla jew l-aġġustament u bil-perjodu jew aġġustament li jkun meħtieġ. Il-bord tal-arbitraġġ jista’ jadotta modifika jew aġġustament ta’ din ix-xorta wara li jkun ikkonsulta mal-Partijiet.

19. Kwalunkwe limitu ta' żmien imsemmi f'dan il-Kapitolu u f'dan l-Anness jista' jiġi modifikat bi ftehim reċiproku tal-Partijiet. B'talba ta’ Parti, il-bord tal-arbitraġġ jista’ jimmodifika t-termini preskrittivi applikabbli fil-proċedimenti.

20. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jissospendi l-ħidma tiegħu:

(a) b'talba tal-Parti rikjedenti, għal perjodu speċifikat fit-talba iżda li ma jaqbiżx 12-il xahar konsekuttivi, u għandu jkompli l-ħidma tiegħu bit-talba tal-Parti rikjedenti; jew

(b) wara li jkun ħareġ ir-rapport interim tiegħu jew fil-każ ta' proċedimenti dwar nuqqas ta' qbil dwar l-ekwivalenza skont l-Artikolu 29.14 jew proċedimenti skont l-Artikolu 29.15, biss b'talba taż-żewġ Partijiet għal perjodu speċifikat fit-talba, u għandu jkompli l-ħidma tiegħu b'talba ta' waħda mill-Partijiet.

Jekk ma jkunx hemm talba biex titkompla l-ħidma tal-bord tal-arbitraġġ sa tmiem il-perjodu speċifikat fit-talba għal sospensjoni, il-proċedimenti għandhom jintemmu. It-terminazzjoni tal-ħidma tal-bord tal-arbitraġġ huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Partijiet f'xi proċedimenti oħra dwar l-istess kwistjoni skont il-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni ta' Tilwim).

Sostituzzjoni

21. Jekk arbitru ma jkunx jista' jipparteċipa fil-proċedimenti, jirtira ruħu jew ikollu jiġi sostitwit, għandu jintgħażel sostitut b'konformità mal-Artikolu 29.7.3.

22. Meta Parti tqis li xi arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-kodiċi ta' kondotta tal-Anness 29-B ("Kodiċi ta' Kondotta") u għaldaqstant għandu jiġi sostitwit, din il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fi żmien 15-il jum minn meta tkun saret taf biċ-ċirkustanzi tan-nuqqas ta' konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta min-naħa tal-arbitru.

23. Meta Parti tqis li xi arbitru għajr il-president ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu dwar dan, jibdlu l-arbitru u jagħżlu sostitut skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 29.7.3.

Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-bżonn li jinbidel arbitru, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta lill-president tal-bord tal-arbitraġġ, u d-deċiżjoni tiegħu tkun waħda finali.

Jekk, skont talba bħal din, il-president isib li xi arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta, dan jew din għandu/għandha jtella'/ttella' arbitru ġdid bix-xorti minn fost l-ismijiet tal-lista msemmija fl-Artikolu 29.8.1 u li fuqha kien inkluż l-arbitru oriġinali. Jekk l-arbitru oriġinali kien intgħażel mill-Partijiet skont l-Artikolu 29.7, is-sostitut għandu jintgħażel bix-xorti mill-individwi proposti mill-Parti rikjedenti u l-parti konvenuta skont l-Artikolu 29. 8.1. L-għażla tal-arbitru l-ġdid għandha ssir fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba lill-president tal-bord tal-arbitraġġ.

24. Meta Parti tqis li l-president tal-bord tal-arbitraġġ ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu dwar dan, ikeċċu l-president u jagħżlu sostitut skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 29.7.3.

Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-bżonn li jinbidel il-president, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta liż-żewġ arbitri rimanenti. Id-deċiżjoni mill-arbitri dwar il-ħtieġa li jinbidel il-president għandha tkun finali.

Jekk l-arbitri jiddeċiedu li l-president ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta, huma għandhom itellgħu president ġdid bix-xorti minn fost l-ismijiet rimanenti fuq il-lista msemmija fl-Artikolu 29.8.1. L-għażla tal-president il-ġdid għandha ssir fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba msemmija f'dan il-paragrafu.

Jekk l-arbitri ma jkunux jistgħu jilħqu deċiżjoni fi żmien għaxart ijiem minn mindu l-kwistjoni tkun ġiet referita lilhom, il-proċedura stipulata fl-Artikolu 29. 7 għandha tkun applikabbli.

25. Il-proċedimenti tal-arbitraġġ għandhom ikunu sospiżi għall-perjodu li matulu tkun qegħda titwettaq il-proċedura stipulata fil-paragrafi 21 sa 24.

Seduti ta' smigħ

26. Il-president għandu jiffissa d-data u l-ħin tas-seduta ta' smigħ f'konsultazzjoni mal-Partijiet u l-arbitri l-oħrajn, u jikkonferma dan bil-miktub lill-Partijiet. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli pubblikament ukoll mill-Parti inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti, suġġett għall-paragrafu 39.

27. Ħlief jekk il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, is-seduta ta' smigħ għandha ssir fi Brussell jekk il-Parti rikjedenti tkun il-Kanada u f'Ottawa jekk il-Parti rikjedenti tkun l-Unjoni Ewropea.

28. Bħala regola ġenerali, għandu jkun hemm seduta ta' smigħ waħda biss. Il-bord tal-arbitraġġ jista', b'inizjattiva tiegħu stess, jew b'talba ta' Parti jlaqqa' seduta ta' smigħ addizzjonali meta t-tilwim jinvolvi kwistjonijiet ta' kumplessità eċċezzjonali. Ebda seduta addizzjonali ma għandha titlaqqa' għall-proċeduri stabbiliti skont l-Artikoli 29.14 u 29.15, ħlief fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-konformità u l-ekwivalenza.

29. L-arbitri kollha għandhom ikunu preżenti matul is-seduta kollha ta' smigħ.

30. Il-persuni li ġejjin jistgħu jkunu preżenti għas-seduta, irrespettivament dwar jekk il-proċedimenti jkunux miftuħin għall-pubbliku jew le:

(a) rappreżentanti tal-Partijiet;

(b) konsulenti tal-Partijiet;

(c) persunal amministrattiv, interpreti, tradutturi u korrispondenti tal-qrati; u

(d) assistenti tal-arbitri.

Ir-rappreżentanti u l-konsulenti tal-Partijiet biss jistgħu jindirizzaw lill-bord tal-arbitraġġ.

31. Mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol qabel id-data ta' seduta ta' smigħ, kull Parti għandha tagħti lill-bord tal-arbitraġġ u lill-Parti l-oħra lista bl-ismijiet ta' persuni fiżiċi li jagħmlu argumenti jew preżentazzjonijiet orali matul is-smigħ ta' seduta f'isem dik il-Parti u rappreżentanti jew konsulenti oħra li jattendu s-seduta ta' smigħ.

32. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jmexxi s-seduta b'dan il-mod, filwaqt li jiżgura li l-Parti rikjedenti u l-Parti konvenuta jingħataw l-istess ħin:

L-Argument

(a) l-argument tal-Parti rikjedenti

(b) l-argument tal-Parti konvenuta

Il-Kontroargument

(a) ir-replika tal-Parti rikjedenti

(b) il-kontroreplika tal-Parti konvenuta

33. Il-bord tal-arbitraġġ jista' jindirizza direttament mistoqsijiet liż-żewġ Partijiet f'kwalunkwe ħin matul is-seduta ta' smigħ.

34. Il-bord tal-arbitraġġ, wara li jkun irċeva l-kummenti tal-Partijiet, għandu joħroġ traskrizzjoni finali lill-Partijiet ta' kull seduta ta' smigħ.

35. Kull Parti tista' tibgħat lill-arbitri u lill-Parti l-oħra sottomissjoni supplimentari bil-miktub li tikkonċerna kwalunkwe kwistjoni li qamet matul is-seduta ta' smigħ fi żmien 10 ijiem mid-data tas-seduta ta' smigħ.

Mistoqsijiet bil-miktub

36. Il-bord tal-arbitraġġ jista' f'kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti jindirizza mistoqsijiet bil-miktub lil waħda mill-Partijiet jew lit-tnejn li huma. Kull waħda mill-Partijiet għandha tirċievi kopja ta' kwalunkwe mistoqsija magħmula mill-bord tal-arbitraġġ.

37. Kull Parti għandha wkoll tipprovdi lill-Parti l-oħra kopja tat-tweġiba tagħha bil-miktub għall-mistoqsijiet tal-bord tal-arbitraġġ. Kull Parti għandha tingħata l-opportunità li tipprovdi kummenti bil-miktub dwar it-tweġiba mogħtija mill-Parti l-oħra sa ħamest ijiem tax-xogħol minn meta din tkun waslet.

Trasparenza u kunfidenzjalità

38. Suġġett għall-paragrafu 39, kull Parti għandha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha disponibbli pubblikament u, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, is-seduti ta' smigħ tal-bord tal-arbitraġġ għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku.

39. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jiltaqa' f'sessjoni magħluqa meta s-sottomissjoni u l-argumenti ta' Parti jkun fihom informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali. Il-Partijiet għandhom iżommu l-kunfidenzjalità tas-seduti ta' smigħ tal-bord tal-arbitraġġ meta dawn jinżammu f'sessjonijiet fil-magħluq. Kull Parti u l-konsulenti tagħha għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali l-informazzjoni ppreżentati mill-Parti l-oħra lill-bord tal-arbitraġġ u li dik il-Parti tkun indikat bħala kunfidenzjali. Meta sottomissjoni ta' Parti lill-bord tal-arbitraġġ ikun fiha informazzjoni kunfidenzjali, dik il-Parti għandha tipprovdi wkoll, fi żmien 15-il jum, verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sottomissjoni li tista' tiġi żvelata lill-pubbliku.

Kuntatti *ex parte*

40. Il-bord tal-arbitraġġ ma għandux jikkuntattja jew jiltaqa' ma' Parti fl-assenza tal-Parti l-oħra.

41. L-ebda arbitru ma għandu jiddiskuti ebda aspett tal-kontenut tal-proċedimenti ma' Parti jew mal-Partijiet fin-nuqqas tal-arbitri l-oħra.

Informazzjoni u pariri tekniċi

42. B'talba ta' parti litiganti, jew bl-inizjattiva tiegħu stess, il-bord tal-arbitraġġ jista' jfittex tagħrif u parir tekniku minn kwalukwe persuna jew korp li huwa jqis xieraq, suġġett għal kwalunkwe termini u kundizzjonijiet miftiehma mill-Partijiet. Kwalunkwe informazzjoni miksuba b'dan il-mod għandha tiġi żvelata lil kull waħda mill-Partijiet u trid tkun ippreżentata għall-kummenti tagħhom.

Sottomissjonijiet *amicus curiae*

43. Persuni mhux governattivi stabbiliti f'Parti jistgħu jippreżentaw sommarji *amicus curiae* quddiem il-bord tal-arbitraġġ skont il-paragrafi li ġejjin.

44. Ħlief jekk il-Partijiet ma jkunux qablu mod ieħor sa ħamest ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ, l-istess bord jista' jirċievi sottomissjonijiet bil-miktub mhux mitluba, sakemm dawn isiru fi żmien għaxart ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ, u f'kull każ mhux itwal minn 15-il faċċata ttajpjata, inklużi kwalunkwe anness, u li jkunu direttament rilevanti għall-kwistjoni li jkun qiegħed jikkunsidra l-bord tal-arbitraġġ.

45. Is-sottomissjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel is-sottomissjoni, sew fiżika u sew ġuridika, u tinkludi n-natura tal-attivitajiet ta' dik il-persuna u s-sors tal-finanzjament ta' dik il-persuna, u tispeċifika n-natura tal-interess li dik l-istess persuna għandha fil-proċedimenti tal-arbitraġġ. Is-sottomissjoni għandha ssir fil-lingwi magħżula mill-Partijiet skont il-paragrafi 48 u 49.

46. Fid-deċiżjoni tiegħu, il-bord tal-arbitraġġ għandu jelenka s-sottomissjonijiet kollha li jkun irċieva li jkunu konformi ma' dawn ir-Regoli. Il-bord tal-arbitraġġ ma għandux ikun obbligat jindirizza, fid-deċiżjoni tiegħu, l-argumenti li saru f'dawn is-sottomissjonijiet. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jippreżenta lill-Partijiet għall-kummenti tagħhom kull sottomissjoni li huwa jikseb.

Każijiet urġenti

47. Fil-każijiet ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 29.11, il-bord tal-arbitraġġ, wara li jikkonsulta mal-Partijiet, għandu jaġġusta t-termini preskrittivi imsemmija f'dawn ir-Regoli skont kif ikun jixraq u għandu jinnotifika lill-Partijiet dwar it-tali aġġustamenti.

Il-lingwa ta' ħidma għall-proċediment, it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

48. Matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.7.2, u mhux aktar tard mil-laqgħa msemmija fil-paragrafu 8, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu fuq lingwa ta' ħidma komuni għall-proċedimenti quddiem il-bord tal-arbitraġġ.

49. Jekk il-Partijiet ma jirnexxilhomx jaqblu dwar lingwa tal-ħidma komuni, kull Parti għandha tagħmel arranġamenti u tħallas l-ispejjeż għat-traduzzjoni tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha fil-lingwa magħżula mill-Parti l-oħra. Il-Parti konvenuta għandha tagħmel l-arranġamenti għall-interpretazzjoni tas-sottomissjonijiet orali fil-lingwi magħżulin mill-Partijiet.

50. Id-deċiżjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ għandhom jinħarġu bil-lingwa jew bil-lingwi magħżula mill-Partijiet.

51. L-ispejjeż kollha li jirriżultaw mit-traduzzjoni ta' deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ fil-lingwa jew lingwi magħżula mill-Partijiet għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-Partijiet.

52. Parti tista' tipprovdi kummenti dwar l-akkuratezza ta' kwalunkwe verżjoni ta' dokument imfassal f'konformità ma' dawn ir-Regoli.

Kalkolu tat-termini preskrittivi

53. It-termini preskrittivi kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu u f'dan l-Anness, inklużi t-termini biex il-bordijiet tal-arbitraġġ jinnotifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom, għandhom jingħaddu f'jiem kalendarji mill-jum li jsegwi l-att jew il-fatt li jkunu qed jirreferu għalih, sakemm ma jkunx ġie speċifikat mod ieħor.

54. Meta, minħabba l-applikazzjoni tal-paragrafu 6, Parti tirċievi dokument f'data differenti minn dik ta' meta l-Parti l-oħra tkun irċeviet l-istess dokument, kull perjodu ta' żmien li jkun ikkalkulat fuq il-bażi tad-data ta' meta jasal dak id-dokument għandu jkun ikkalkulat mill-aħħar jum tal-wasla ta' dan id-dokument.

Proċeduri oħra

55. It-termini preskrittivi stabbiliti f'dawn ir-Regoli għandhom jiġu aġġustati skont it-termini preskrittivi speċjali stipulati għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-bord tal-arbitraġġ fil-proċedimenti skont l-Artikoli 29.14 u 29.15.

56. Fil-każ li l-bord oriġinali tal-arbitraġġ, jew uħud mill-arbitri tiegħu, ma jkunux jistgħu jiltaqgħu mill-ġdid għall-proċedimenti stabbiliti skont l-Artikolu 29.14 u 29.15, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29.7 għandha tkun applikabbli. It-terminu preskrittiv għan-notifika tad-deċiżjoni għandu jiġi estiż b'20 jum.

ANNESS 29-B

KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-ARBITRI U L-MEDJATURI

Definizzjonijiet

1. Għal dan il-Kapitolu u skont dan il-Kodiċi ta' Kondotta:

arbitru tfisser membru ta' bord ta' arbitraġġ stabbilit skont l-Artikolu 29.7;

assistent tfisser persuna fiżika li, skont it-termini tal-ħatra ta' arbitru, twettaq riċerka jew tipprovdi assistenza lill-arbitru;

kandidat tfisser individwu li ismu jkun fuq il-lista tal-arbitri msemmija fl-Artikolu 29.8 u li jkun ikkunsidrat għall-għażla bħala arbitru skont l-Artikolu 29.7;

medjatur tfisser persuna fiżika li tmexxi medjazzjoni skont l-Artikolu 29.5;

proċedimenti, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, tfisser proċedimenti ta' arbitraġġ;

persunal, fir-rigward ta' arbitru, tfisser persuni fiżiċi taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-arbitru, minbarra l-assistenti.

Responsabbiltajiet ta' kandidati u ta' arbitri

2. Kull kandidat u arbitru għandu jevita kondotta skorretta u l-impressjoni ta' kondotta skorretta, ikun indipendenti u imparzjali, għandu jevita kunflitti ta' interessi diretti jew indiretti u għandu josserva standards għoljin ta' kondotta sabiex jinżammu l-integrità u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu tas-soluzzjoni tat-tilwim. Arbitri preċedenti jridu jkunu konformi mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi minn 16 sa 19.

Obbligi dwar l-iżvelar

3. Qabel ma tkun ikkonfermata l-għażla ta' kandidat bħala arbitru skont dan il-Kapitolu, huwa għandu jiddikjara kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni li x'aktarx li taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu, jew li tista' toħloq raġonevolment dehra ta' kondotta mhux xierqa jew preġudizzju fil-proċedimenti. Għal dan l-għan, kandidat għandu jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex isir konxju ta' dawn l-interessi, relazzjonijiet u kwistjonijiet.

4. Mingħajr ma tiġi limitata l-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, il-kandidati għandhom jiżvelaw l-interessi, ir-relazzjonijiet u l-kwistjonijiet li ġejjin:

(1) kwalunkwe interess finanzjarju tal-kandidat:

(a) fil-proċedimenti jew fir-riżultat tagħhom; u

(b) fi proċedimenti amministrattivi, proċedimenti quddiem qorti domestika jew proċedimenti quddiem bord jew kumitat ieħor li jinvolvu kwistjonijiet li jistgħu jiġu deċiżi fil-proċedimenti li għalihom il-kandidat huma taħt kunsiderazzjoni;

(2) kwalunkwe interess finanzjarju tal-impjegatur tal-kandidat, sieħeb, soċju kummerċjali jew membru tal-familja:

(a) fil-proċedimenti jew fir-riżultat tagħhom; u

(b) fi proċedimenti amministrattivi, proċedimenti quddiem qorti domestika jew proċedimenti quddiem bord jew kumitat ieħor li jinvolvu kwistjonijiet li jistgħu jiġu deċiżi fil-proċedimenti li għalihom il-kandidat huma taħt kunsiderazzjoni;

(3) kwalunkwe relazzjoni passata jew eżistenti finanzjarja, kummerċjali, professjonali, familjari jew soċjali mal-partijiet interessati fil-proċedimenti, jew l-avukati tagħhom, jew tali relazzjoni li tinvolvi lil impjegatur ta' kandidat, sieħeb, soċju kummerċjali jew membru tal-familja; u

(4) is-sostenn pubbliku jew ir-rappreżentanza legali jew oħra dwar kwistjoni kkontestata fil-proċedimenti jew li tinvolvi l-istess kwistjonijiet.

5. Kandidat jew arbitru għandu jikkomunika affarijiet relatati ma' ksur attwali jew potenzjali ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta lill-Kumitat Konġunt CETA biex ikunu kkunsidrati mill-Partijiet.

6. Ladarba jintgħażel, arbitru għandu jibqa' jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha biex isir konxju ta' interessi, relazzjonijiet jew kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u għandu jiżvelahom. L-obbligu ta' żvelar huwa dmir kontinwu li jitlob li arbitru jiżvela t-tali interessi, relazzjonijiet jew kwistjonijiet li jistgħu jitfaċċaw matul l-istadji kollha tal-proċedimenti. L-arbitru għandu jiżvela t-tali interessi, relazzjonijiet jew kwistjonijiet billi jinforma minnufih lill-Kumitat Konġunt CETA, bil-miktub, biex ikunu kkunsidrati mill-Partijiet.

Id-dmirijiet tal-arbitri

7. Mal-ħatra tiegħu, arbitru għandu jkun disponibbli sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu jew tagħha b'mod sħiħ u bla dewmien matul il-kors tal-proċedimenti, u b'mod ġust u diligenti.

8. Arbitru għandu jikkunsidra biss dawk il-kwistjonijiet li jkunu tqajmu waqt il-proċedimenti u li jitqiesu bħala meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni u ma għandux jiddelega dan id-dmir lil ebda persuna oħra.

9. Arbitru għandu jwettaq il-passi kollha xierqa biex jiżgura li l-assistent u l-persunal tiegħu jew tagħha jkunu konxji u jikkonformaw mal-paragrafi minn 2 sa 6, u minn 17 sa 19.

10. Arbitru ma għandux jieħu sehem f'kuntatti *ex parte* li jikkonċernaw il-proċedimenti.

L-indipendenza u l-imparzjalità tal-arbitri

11. Arbitru għandu jevita li joħloq impressjoni ta' preġudizzju u ma għandux ikun influwenzat mill-interess personali, pressjoni esterna, kunsiderazzjonijiet politiċi, fama pubblika, lealtà lejn xi Parti jew biża' mill-kritika.

12. Arbitru ma għandux jidħol, direttament jew indirettament, għal kwalunkwe obbligu jew jaċċetta kwalunkwe benefiċċju li jista' bi kwalunkwe mod jindaħal, jew jidher li jindaħal, fil-prestazzjoni xierqa ta' dmirijietu.

13. Arbitru ma jistax jinqeda bil-pożizzjoni tiegħu jew tagħha fuq il-bord tal-arbitraġġ biex jaġevola xi interessi personali jew privati u għandu/għandha j/tevita azzjonijiet li jistgħu jagħtu l-impressjoni li oħrajn jinsabu f'pożizzjoni speċjali biex jinfluwenzawh/ha.

14. L-arbitru jista' ma jippermettix relazzjonijiet jew responsabilitajiet finanzjarji, tan-negozju, professjonali, familjari jew soċjali biex jinfluwenzaw il-kondotta jew il-ġudizzju tiegħu jew tagħha.

15. Arbitru jrid jevita li jidħol fi kwalunkwe relazzjoni jew li jakkwista kwalunkwe interess finanzjarju li x'aktarx jaffettwa l-imparzjalità tiegħu jew tagħha jew li jista' raġonevolment joħloq impressjoni ta' kondotta mhux xierqa jew ta' preġudizzju.

L-obbligi ta' arbitri preċedenti

16. L-arbitri preċedenti kollha jridu jevitaw azzjonijiet li jistgħu joħolqu impressjoni li kienu ppreġudikati fit-twettiq ta' dmirijiethom jew li bbenefikaw mid-deċiżjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ.

Kunfidenzjalità

17. L-ebda arbitru jew arbitru preċedenti fl-ebda mument ma għandu jiżvela jew juża xi informazzjoni mhux pubblika li tikkonċerna proċedimenti jew li tkun miksuba waqt proċedimenti ħlief għall-finijiet ta' dawk il-proċedimenti u fl-ebda każ, ma għandu jiżvela jew juża l-ebda informazzjoni tali biex jikseb vantaġġ personali jew vantaġġ għal oħrajn jew biex jaffettwa ħażin l-interessi ta' oħrajn.

18. Arbitru ma għandux jiżvela deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ jew partijiet minnha qabel ma tiġi ppubblikata b'konformità ma' dan il-Kapitolu.

19. L-arbitru jew l-eksarbitru ma għandu fl-ebda mument jiżvela d-deliberazzjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ, jew il-fehma ta' xi membru.

Spejjeż

20. Kull arbitru għandu jżomm rekord u jagħti rendikont finali tal-ħin iddedikat għall-proċedura u l-ispejjeż tiegħu jew tagħha, kif ukoll iż-żmien u l-ispejjeż tal-assistent tiegħu jew tagħha.

Medjaturi

21. Dan il-kodiċi ta' kondotta japplika, *mutatis mutandis*, għall-medjaturi.

ANNESS 29-C

REGOLI TA' PROĊEDURA GĦALL-MEDJAZZJONI

Artikolu 1

Objettiv

Skont l-Artikolu 29.5, l-objettiv ta' dan l-Anness hu li jiffaċilita s-sejba ta' soluzzjoni miftehma reċiprokament permezz ta' proċedura komprensiva u mingħajr dewmien bl-assistenza ta' medjatur.

TAQSIMA A

Proċedimenti ta' medjazzjoni

Artikolu 2

Il-bidu tal-proċedimenti

1. Parti tista' titlob f'kwalunkwe ħin, li l-Partijiet jidħlu fi proċedimenti ta' medjazzjoni. Din it-talba għandha tkun indirizzata lill-Parti l-oħra bil-miktub. It-talba għandha tkun dettaljata biżżejjed li tippreżenta b'mod ċar it-tħassib tal-Parti li tkun qiegħda tagħmel it-talba u għandha:

   (a) tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni;

(b) tipprovdi dikjarazzjoni tal-effetti negattivi allegati li l-Parti rikjedenti temmen li l-miżura għandha, jew se jkollha, fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet; u

(c) tispjega kif il-Parti rikjedenti tqis li dawk l-effetti huma marbuta mal-miżura.

2. Il-proċedimenti ta' medjazzjoni jistgħu jinbdew biss b'kunsens reċiproku tal-Partijiet. Meta Parti titlob medjazzjoni skont il-paragrafu 1, il-Parti l-oħra għandha tagħti korrispettiv in *bona fede* għat-talba u t-tweġiba bil-miktub fi żmien għaxart ijiem minn meta tirċeviha.

Artikolu 3

Għażla tal-medjatur

1. Wara l-bidu ta' proċedimenti ta' medjazzjoni, il-Partijiet għandhom jaqblu dwar medjatur, jekk ikun possibbli, mhux aktar tard minn 15-il ġurnata wara li tasal it-tweġiba għat-talba ta' medjazzjoni.

2. Medjatur ma għandux ikun ċittadin ta' waħda mill-Partijiet, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.

3. Il-medjatur għandu jassisti, b'mod imparzjali u trasparenti, lill-Partijiet biex jiċċaraw il-miżura u l-effetti possibbli tagħha fuq il-kummerċ, u biex jilħqu soluzzjoni li jkun sar qbil fuqha reċiprokament. Skont il-paragrafu 21 tal-Anness 29-B, il-Kodiċi ta' Kondotta għal Arbitri u Medjaturi japplika għal medjaturi. Il-paragrafi minn 3 sa 7 u minn 48 sa 54 tar-Regoli ta' Proċedura għall-Arbitraġġ fl-Anness 29-A għandhom japplikaw ukoll, *mutatis mutandis*.

Artikolu 4

Regoli ta' proċedura għall-medjazzjoni

1. Fi żmien 10 ijiem mill-ħatra tal-medjatur, il-Parti li qegħda titlob għall-proċedura ta' medjazzjoni għandha tippreżenta deskrizzjoni dettaljata tal-problema, bil-miktub, lill-medjatur u lill-Parti l-oħra, partikolarment tal-operazzjoni tal-miżura inkwistjoni u tal-effetti tagħha fuq il-kummerċ. Fi żmien 20 jum wara d-data tal-wasla ta' din il-preżentazzjoni, il-Parti l-oħra tista' tippreżenta, bil-miktub, il-kummenti tagħha dwar id-deskrizzjoni tal-problema. Kull Parti tista' tinkludi fid-deskrizzjoni jew fil-kummenti tagħha kwalunkwe informazzjoni li tqis rilevanti.

2. Il-medjatur jista' jiddeċiedi l-aktar mod xieraq biex jiċċara l-miżura u l-impatt possibbli tagħha fuq il-kummerċ. B'mod partikolari, il-medjatur jista' jorganizza laqgħat bejn il-Partijiet, jikkonsulta mal-Partijiet b'mod konġunt jew individwalment, ifittex l-assistenza jew jikkonsulta mal-esperti[30] u l-partijiet ikkonċernati rilevanti u jipprovdi kull appoġġ addizzjonali mitlub mill-Partijiet. Madankollu, qabel ifittex l-għajnuna jew jikkonsulta mal-esperti u l-imsieħba interessati rilevanti, il-medjatur għandu jikkonsulta mal-Partijiet.

3. Il-medjatur jista' joffri pariri u jipproponi soluzzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Partijiet li jistgħu jaċċettaw jew jirrifjutaw is-soluzzjoni proposta jew jistgħu jaqblu fuq soluzzjoni differenti. Madankollu, il-medjatur ma jistax jagħti pariri jew jikkummenta fuq il-konsistenza tal-miżura inkwistjoni ma' dan il-Ftehim.

---

[30] Parti ma tistax toġġezzjona għal espert milli jiġi kkonsultat fi proċedimenti ta' soluzzjoni ta' tilwim skont dan il-Kapitolu jew skont il-Ftehim tad-WTO għar-raġuni biss li l-espert ikun ġie kkonsultat skont dan il-paragrafu.

4. Il-proċedura għandu jkollha lok fit-territorju tal-Parti li lilha tkun ġiet indirizzata t-talba, jew b'kunsens reċiproku tal-Partijiet, f'kwalunkwe post ieħor jew permezz ta' mezzi oħrajn.

5. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fi żmien 60 jum mill-ħatra tal-medjatur. Sakemm jinltaħaq ftehim aħħari, il-Partijiet jistgħu jikkunsidraw soluzzjonijiet *interim* possibbli, speċjalment jekk il-miżura jkollha x'taqsam ma' oġġetti li jitħassru.

6. Is-soluzzjoni tista' tkun adottata permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA. Is-soluzzjonijiet miftehma reċiprokament għandhom ikunu disponibbli b'mod pubbliku. Madankollu, il-verżjoni żvelata lill-pubbliku ma tistax tinkludi xi informazzjoni li Parti tkun iddikjarat bħala kunfidenzjali.

7. B'talba tal-Partijiet, il-medjatur għandu jagħti lill-Partijiet, bil-miktub, abbozz ta' rapport fattwali, li jipprovdi sommarju fil-qosor tal-miżura inkwistjoni fil-proċedimenti, il-proċeduri segwiti, u kwalunkwe soluzzjoni li dwarha sar qbil reċiproku bħala r-riżultat aħħari tal-proċedimenti, inklużi soluzzjonijiet *interim* possibbli. Il-medjatur għandu jipprovdi lill-Partijiet bi 15-il jum biex jikkummentaw dwar l-abbozz ta' rapport. Wara li jikkunsidra l-kummenti tal-Partijiet imressqa f'dan il-perjodu, il-medjatur għandu jippreżenta r-rapport fattwali finali bil-miktub lill-Partijiet fi żmien 15-il jum. Ir-rapport fattwali ma għandu jinkludi xi interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim.

8. Il-proċedimenti għandhom jintemmu:

   (a) bl-adozzjoni ta' soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku mill-Partijiet, fid-data tal-adozzjoni.

   (b) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub tal-medjatur, wara li jkun ikkonsulta mal-Partijiet, li sforzi ulterjuri ta' medjazzjoni ma jwasslu mkien;

(c) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub ta' Parti wara li jkunu ġew esplorati soluzzjonijiet li jkun sar qbil fuqhom reċiprokament skont il-proċedimenti ta' medjazzjoni u wara li jkun ġie kkunsidrat kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta mill-medjatur. Tali dikjarazzjoni ma tistax issir qabel il-perjodu stipulat fl-Artikolu 4. 5 ma jkun skada; jew

(d) fi kwalunkwe stadju tal-proċedura permezz ta' ftehim reċiproku tal-Partijiet.

TAQSIMA B

Implimentazzjoni

Artikolu 5

Implimentazzjoni ta' soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku

1. Fejn il-Partijiet ikunu ftiehmu fuq soluzzjoni, kull Parti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex timplimenta s-soluzzjoni bi qbil reċiproku fiż-żmien miftiehem.

2. Il-Parti li qed timplimenta għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra bil-miktub b'kwalunkwe pass jew miżura li tieħu biex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma.

TAQSIMA C

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 6

Kunfidenzjalità u relazzjoni mas-soluzzjoni ta' tilwim

1. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4.6, l-istadji kollha tal-proċedimenti, inkluż kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta, huma kunfidenzjali. Madankollu, kwalunkwe Parti tista' tiżvela lill-pubbliku li qed issir medjazzjoni. L-obbligu ta' kunfidenzjalità ma jestendix għal informazzjoni fattwali li diġà teżisti fid-dominju pubbliku.

2. Il-proċedimenti ta' medjazzjoni huma bla preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont id-dispożizzjonijiet dwar is-Soluzzjoni ta' Tilwim f dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim ieħor.

3. Il-konsultazzjonijiet mhumiex meħtieġa qabel ma jibdew il-proċedimenti ta' medjazzjoni. Madankollu, Parti għandha normalment tiddisponi mid-dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni u konsultazzjoni relevanti l-oħra f'dan il-Ftehim qabel ma tibda l-proċedimenti ta' medjazzjoni.

4. Parti ma għandhiex tibbaża ruħha fuq jew tintroduċi bħala evidenza fi proċedimenti oħra ta' soluzzjoni ta' tilwim skont dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim ieħor, u bord ta' arbitraġġ lanqas ma għandu jikkunsidra:

   (a) pożizzjonijiet meħuda mill-Parti l-oħra fil-kors tal-proċedimenti ta' medjazzjoni jew informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 4.2;

   (b) il-fatt li l-Parti l-oħra indikat ir-rieda tagħha li taċċetta soluzzjoni għall-miżura suġġetta għall-medjazzjoni; jew

   (c) pariri mogħtija jew proposti magħmula mill-medjatur.

5. Medjatur ma jistax iservi bħala membru tal-bord fi proċedimenti ta' soluzzjoni ta' tilwim skont dan il-Ftehim jew skont il-Ftehim tad-WTO li tinvolvi l-istess kwistjoni li għaliha huwa jew hija kien/kienet medjatur.

Artikolu 7

Limiti ta' Żmien

Kull terminu preskrittiv imsemmi f'dan l-Anness jista' jiġi modifikat b'kunsens reċiproku bejn il-Partijiet.

Artikolu 8

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha ta' parteċipazzjoni fil-proċedimenti ta' medjazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jaqsmu b'mod konġunt u indaqs l-ispejjeż ta' kwistjonijiet organizzazzjonali, inklużi r-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-medjatur. Ir-remunerazzjoni tal-medjatur għandha tkun f'konformità ma' dik tal-president ta' bord tal-arbitraġġ prevista fl-Artikolu 8(b) tal-Anness 29-A.

Artikolu 9

Rieżami

Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-ħtieġa li jimmodifikaw il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-iżvilupp ta' kwalunkwe mekkaniżmu korrispondenti fid-WTO.

ANNESS 30-A

LISTA TA' TRATTATI TA' INVESTIMENT BILATERALI
BEJN IL-KANADA
U L-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA

Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja u l-Gvern tal-Kanada għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul f'Ottawa fit-3 ta' Frar 1997.

Ftehim bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Kanada għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul fi Praga fis-6 ta' Mejju 2009.

Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Ungerija u l-Gvern tal-Kanada għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Ottawa fit-3 ta' Ottubru 1991.

Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja u l-Gvern tal-Kanada għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul f'Riga fil-5 ta' Mejju 2009.

Skambju ta' Noti bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta li Jikkostitwixxi Ftehim dwar l-Investiment Barrani tal-Assigurazzjoni, magħmul fil-Belt Valletta fl-24 ta' Mejju 1982.

Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja u l-Gvern tal-Kanada għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Varsavja fis-6 ta' April 2009.

Ftehim bejn il-Gvern tar-Rumanija u l-Gvern tal-Kanada għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Bucharest fit-8 ta' Mejju 1990.

Ftehim bejn ir-Repubblika Slovakka u l-Kanada għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul fi Bratislava fl-20 ta' Lulju 2010.

ANNESS 30-B

EMENDI
GĦALL-FTEHIM TAL-1989 DWAR IX-XARBIET ALKOĦOLIĊI
U L-FTEHIM TAL-2003 DWAR L-INBEJJED U X-XARBIET SPIRITUŻI

TAQSIMA A

L-Artikolu 1 tal-Ftehim tal-1989 dwar ix-Xarbiet Alkoħoliċi, kif emendat bl-Anness VIII tal-Ftehim tal-2003 dwar l-Inbejjed u x-Xarbiet Spiritużi, għandu jkollu d-definizzjoni li ġejja miżjuda:

"awtorità kompetenti" tfisser gvern jew kummissjoni, bord jew aġenzija governattiva oħra ta' Parti li hija awtorizzata bil-liġi li tikkontrolla l-bejgħ ta' spirti u inbejjed distillati."

TAQSIMA B

L-Artikolu 2.2(b) tal-Ftehim tal-1989 dwar ix-Xarbiet Alkoħoliċi, kif emendat bl-Anness VIII tal-Ftehim tal-2003 dwar l-Inbejjed u x-Xarbiet Spiritużi, huwa sostitwit bi:

"(b) li titlob li ħwienet privati tal-inbid li mhumiex fuq il-post f'Ontario u l-British Columbia jbiegħu biss inbejjed immanifatturati mill-fabbriki tal-inbid Kanadiżi. In-numru ta' dawn il-ħwienet privati tal-inbid li mhumiex fuq il-post li huma awtorizzati li jbigħu biss inbejjed immanifatturati mill-fabbriki tal-inbid Kanadiżi f'dawn il-provinċji ma għandux ikun aktar minn 292 f'Ontario u minn 60 fil-British Columbia."

TAQSIMA C

L-Artikolu 4 tal-Ftehim tal-1989 dwar ix-Xarbiet Alkoħoliċi, kif emendat bl-Anness VIII tal-Ftehim tal-2003 dwar l-Inbejjed u x-Xarbiet Spiritużi, huwa sostitwit bi:

"Artikolu 4

Trattament Kummerċjali

1. L-awtoritajiet kompetenti Kanadiżi għandhom, fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tagħhom għax-xiri, id-distribuzzjoni u l-bejgħ bl-imnut ta' prodott tal-Parti l-oħra, jaderixxu mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu XVII tal-GATT dwar l-impriżi tan-negozju tal-Istat, b'mod partikolari biex jieħdu kwalunkwe deċiżjoni unikament f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet kummerċjali u għandhom jagħtu lill-impriżi tal-Parti l-oħra opportunità adegwata, f'konformità mal-prattika kummerċjali konswetudinarja, biex jikkompetu għall-parteċipazzjoni f'dawn ix-xirjiet.

2. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri kollha possibbli biex jiġi żgurat li impriża li tkun ingħatat monopolju fil-kummerċ u l-bejgħ tal-inbejjed u x-xarbiet alkoħoliċi fit-territorju tagħha ma tużax il-pożizzjoni monopolistika tagħha sabiex tinvolvi ruħha, la direttament u lanqas indirettament, inkluż permezz tar-relazzjonijiet tagħha mal-kumpanija prinċipali, il-kumpaniji sussidjarji tagħha, jew impriżi oħra bi sjieda komuni, fil-bejgħ ta' inbid u xarbiet alkoħoliċi f'suq barra mit-territorju fejn l-impriża jkollha pożizzjoni ta' monopolju li tikkawża effett antikompetittiv b'mod li jkun hemm restrizzjoni kunsiderabbli tal-kompetizzjoni f'dak is-suq."

TAQSIMA D

L-Artikolu 4a tal-Ftehim tal-1989 dwar ix-Xarbiet Alkoħoliċi, kif emendat bl-Anness VIII tal-Ftehim tal-2003 dwar l-Inbejjed u x-Xarbiet Spiritużi, huwa sostitwit bi:

"4a – Prezzijiet

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet għandhom jiżguraw li kwalunkwe valwazzjoni pożittiva, spiża tas-servizz jew miżura oħra ta' iffissar ta' prezzijiet ma tkunx diskriminatorja, tkun tgħodd għall-bejgħ kollu bl-imnut, u tkun konformi mal-Artikolu 2.

2. Tista' tiġi applikata differenza fl-ispiża tas-servizz għal prodotti tal-Parti l-oħra fil-każ biss li ma tkunx akbar mill-ispejjeż addizzjonali li huma neċessarjament assoċjati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-Parti l-oħra, waqt li jiġu kkunsidrati spejjeż addizzjonali li jirriżultaw, *inter alia*, minn metodi u frekwenza tal-kunsinna.

3. Kull Parti għandha tiżgura li spiża ta' servizz ma jkunx applikat għal prodott tal-Parti l-oħra fuq il-bażi tal-valur tal-prodott.

4. Id-differenza fl-ispiża tas-servizz għandu jkun iġġustifikat f'konformità ma' proċeduri ta' kontabilità standard minn awdituri indipendenti fuq il-bażi ta' awditu mwettaq fuq talba tal-Parti l-oħra fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-2003 dwar l-Inbejjed u x-Xarbiet Spiritużi u sussegwentement fuq talba ta' dik il-Parti f'intervalli ta' mhux anqas minn erba' snin. L-awditi għandhom ikunu mqegħda għad-dispożizzjoni ta' waħda mill-Partijiet fi żmien sena minn meta ssir talba.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġornaw l-imposti tad-differenza fl-ispiża tas-servizz, kif meħtieġ, biex jirrifletti l-impenn li sar fis-subparagrafu 4a (2).

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni l-imposti applikabbli għad-differenza fl-ispiża tas-servizz permezz ta' mezzi aċċessibbli għall-pubbliku, bħal pereżempju s-sit web uffiċjali tagħhom.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt għal mistoqsijiet u tħassib li joriġinaw mill-Parti l-oħra rigward l-imposti tad-differenza fl-ispiża tas-servizz. Parti għandha tirrispondi għal talba mill-Parti l-oħra bil-miktub fi żmien 60 jum mill-wasla tat-talba."

TAQSIMA E

Il-Ftehim tal-1989 dwar ix-Xarbiet Alkoħoliċi, kif emendat bl-Anness VIII tal-Ftehim tal-2003 dwar l-Inbejjed u x-Xarbiet Spiritużi, huwa emendat biż-żieda tal-Artikolu 4b:

"Artikolu 4b

Rekwiżiti għat-Taħlit

Ebda Parti ma tista' tadotta jew iżżomm xi miżura li tirrikjedi li l-ispirti distillati importati mit-territorju tal-Parti l-oħra għall-ibbottiljar jitħalltu ma' xi spirti distillati tal-Parti li timporta."

TAQSIMA F

Il-Ftehim tal-2003 dwar l-Inbejjed u x-Xarbiet Spirituġi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-ewwel inċiż tal-Artikolu 27.3 (Kumitat Konġunt), huwa sostitwit permezz ta' "li jadotta emendi għall-Annessi ta' dan il-Ftehim permezz ta' deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt."

(b) It-Titolu VIII (Soluzzjoni ta' Tilwim) huwa mħassar;

(c) L-aħħar żewġ sentenzi tal-Artikolu 8. 1 (Proċedura ta' oġġezzjoni) huma sostitwiti bi "Parti Kontraenti tista' titlob li jsiru konsultazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 29.4 (Konsultazzjonijiet) tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea ("CETA"). Jekk dawn il-konsultazzjonijiet ma jirnexxilhomx isolvu l-kwistjoni, il-Parti Kontraenti tista' tinnotifika, bil-miktub, lill-Parti Kontraenti l-oħra bid-deċiżjoni tagħha li tirreferi l-każ għall-arbitraġġ skont l-Artikoli minn 29.6 sa 29.10 tas-CETA."

(d) Il-kliem introduttivi (*chapeau*) tal-Artikolu 9.2 (Emenda tal-Anness I), huwa sostitwit bi: "Bħala deroga mill-paragrafu 1, jekk Parti Kontraenti invokat il-proċedura ta' oġġezzjoni prevista fl-Artikolu 8 (Proċedura ta' oġġezzjoni), il-Partijiet Kontraenti għandhom jaġixxu f'konformità mar-riżultat tal-konsultazzjonijiet, sakemm il-kwistjoni ma tiġix referuta għall-proċedura tal-arbitraġġ skont l-Artikoli minn 29.6 sa 29.10 tas-CETA, f'liema każ:"

(e) Qed jiġi miżjud it-tielet paragrafu għall-Artikolu 9 (Modifika għall-Anness I): "3. Meta l-Artikoli minn 29.6 sa 29.10 tas-CETA huma applikati matul il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2, dawn għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

ANNESS 30-C

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR INBEJJED U SPIRTI

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-isforzi u l-progress li sar dwar l-Inbejjed u l-Ispirti fil-kuntest tan-negozjati ta' dan il-Ftehim. Dawn l-isforzi wasslu għal soluzzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku dwar għadd ta' kwistjonijiet ta' importanza kbira.

Il-Partijiet jaqblu li jiddiskutu permezz tal-mekkaniżmi xierqa, mingħajr dewmien u bil-ħsieb li jinstabu soluzzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku, kwalunkwe kwistjoni oħra ta' tħassib dwar l-Inbejjed u l-Ispirti, u b'mod partikolari x-xewqa tal-Unjoni Ewropea li tikseb l-eliminazzjoni ta' divrenzjar ta' valwazzjonijiet pożittivi applikati provinċjali applikati fuq inbejjed domestiċi u inbejjed fil-fliexken fil-Kanada fi ħwienet tal-inbid privati.

Fi tmiem il-ħames sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li jirreżaminaw il-progress li sar dwar l-eliminazzjoni tad-divrenzjar imsemmi fil-paragrafu preċedenti, ibbażat fuq l-eżami tal-iżviluppi kollha fis-settur, inklużi l-konsegwenzi ta' kwalunkwe għoti lil pajjiżi terzi ta' trattament aktar favorevoli fil-qafas ta' negozjati kummerċjali oħra li jinvolvu l-Kanada.

ANNESS 30-D

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
TAL-PARTIJIET DWAR PAJJIŻI
LI STABBILIXXEW UNJONI DOGANALI
MAL-UNJONI EWROPEA

1. L-Unjoni Ewropea tfakkar l-obbligi tal-pajjiżi li stabbilixxew unjoni doganali mal-Unjoni Ewropea biex jallinjaw ir-reġim kummerċjali tagħhom ma' dak tal-Unjoni Ewropea, u għal uħud minnhom, biex jikkonkludu ftehimiet preferenzjali ma' pajjiżi li għandhom ftehimiet preferenzjali mal-Unjoni Ewropea.

2. F'dan il-kuntest, il-Kanada għandha tagħmel ħilitha biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi li,

   (a) stabbilixxew unjoni doganali mal-Unjoni Ewropea, u

   (b) li l-prodotti tagħhom ma jibbenefikawx mill-konċessjonijiet tariffarji skont dan il-Ftehim,

   bil-għan li jiġi konkluż ftehim bilaterali komprensiv li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tad-WTO dwar prodotti u servizzi, sakemm dawn il-pajjiżi jaqblu li jinnegozjaw ftehim ambizzjuż u komprensiv komparabbli ma' dan il-Ftehim fl-ambitu u l-ambizzjoni tiegħu. Il-Kanada għandha tfittex tibda negozjati malajr kemm jista' jkun bil-għan li jkollha t-tali ftehim li jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.